*Ħlas ta' dejn Art 167(1)(a) Kap. 12;*
*Novazzjoni*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Jannar, 2020

**Numru 5**

**Rikors Numru 557/09TA**

**L-Avukat Kenneth Grima ID 526858(M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta estera Moscuzza Vincenzo & C.S.R.L.**

**vs**

**Lambusa Maritime Company Limted C 39329**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-Attur ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2009 u maħluf fl-istess data mill-Avukat Kenneth Grima li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

"1. Illi s-soċjeta estera Moscuzza Vincenzo C.S.R.L. kienet forniet lis-soċjeta konvenuta bi fuel f'okkażżjonijiet differenti u ta' dan is-servizz u forniment għalhekk is-soċjeta konvenuta għamlet pagament akkont għad fadlilha tħallas lis-soċjeta Taljana il-bilanċ ta' €55,130 ħamsa u ħamsin elf mija u tletin ewro.

2. Illi għalkemm ilha tipprometti li tħallas dan il-bilanċ mill-bidu ta' din is-sena s-soċjeta konvenuta sallum baqgħet inadempjenti anke wara l-ħruġ kontra tagħha ta' Mandat ta' Sekwestru numru 818/09.

3. Illi fil-fehma tal-esponenti nomina s-somma fuq indikata hija waħda ċerta, likwida u dovuta u s-soċjeta intimata m'għandha l-ebda eċċezzjoni x'tissolleva.

Tgħid għaldaqstant is-soċjeta intimata għar-raġunijiet premessi u dispensat mis-smigħ tal-kawża ai termini tal-Art 167 et seq tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi:

1) s-soċjeta intimata hija debitriċi tal-esponenti nomine ta' €55,130 ħamsa u ħamsin elf mija u tletin ewro oltre l-imgħaxijiet legali mill-1 ta' Jannar 2009 sad-data tal-pagament effettiv għall-servizz u forniment ta' fuel kif fuq intqal;

2) konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta intimata tħallas lir-rikorrenti nomine somma ta' €55,130 ħamsa u ħamsin elf mija u wieħed u tletin ewro oltre l-imgħaxijiet legali mill-1 ta' Jannar 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ai termini tal-Art 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tas-27 ta' Frar 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 818/09 kontra l-intimati minn issa nġunti għas-subizzjoni."

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Konvenuti ppreżentata fis-16 ta' Ottubru 2009 u maħlufa fl-istess data minn Angelic Mifsud li permezz tagħha wieġbu u eċċepew is-segwenti:-

"1. Illi t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur u dan stante illi t-talba kif intavolata hija intempestiva stante li f'dan l-istadju €15,000 biss huma dovuti, liema ammont is-soċjeta konvenuta kienet dejjem lesta tħallas pero ġew rifjutati.

2. Illi mingħajr preġudizzju t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda wkoll stante illi seħħet novazzjoni meta s-soċjeta assenti attriċi kienet waslet fi ftehim mas-soċjeta konvenuta illi l-ammont pretiż jitħallas permezz ta' pagamenti mensili ta' €5,000. Is-soċjeta konvenuta kienet bdiet toffri l-pagament skond dan il-ftehim pero dawn sussegwentement ġew rifjutati.

3. Illi għalhekk is-soċjeta konvenuta m'għandhiex tbati spejjeż ta' dawn il-proċeduri.

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-avviż tat-22 ta' Frar, 2019 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imħallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li bis-saħħa tiegħu l-kawża odjerna ġiet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diġa mħollija għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tat-tletin ta' Settembru 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** L-Attur nomine istitwixxa dawn il-proċeduri sabiex is-soċjetá Konvenuta tiġi kkundannata tħallas lis-Soċjetá estera Moscuzza Vincenzo & C.S.R.L. is-somma ta' €55,130 oltre' l-imgħax legali. Din is-somma tirrappreżenta bilanċ ta' prezz ta' karburant li ġie fornut il-xi bastimenti fuq talba tas-Soċjetá konvenuta wara li dawn nqabdu Sqallija bla karburant (ara xhieda P.L. Noel Bianco a' fol 17 u xhieda Dr. Kenneth Grima a' fol 34).

**2.** L-attur nomine ppreżenta din il-kawża wara li s-Soċjetá konvenuta kkontestat l-ittra legali li ntbagħtetilha mis-Soċjetá attriċi taħt l-Artikolu 166A (ara ittra uffiċjali a' fol 52 u xhieda Dr. Kenneth Grima a' fol 36).

**Punti ta' Liġi**

**3.** L-azzjoni eżerċitata mill-Atturi hija għalhekk waħda għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' karburant fornit fiċ-ċirkustanzi appena senjalati. Is-Soċjetá Attriċi fetħet din il-kawża bil-proċedura sommarja speċjali stabbilita taħt l-Artikolu 167(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**4.** Fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2009 is-Soċjetá Konvenuta talbet li tikkontesta l-azzjoni bl-eċċezzjoni tan-novazzjoni u l-intempestivitá tal-azzjoni. Il-Qorti diversament presjeduta laqgħet din it-talba (ara verbal a' fol 11) u s-Soċjeta' Konvenuta ppreżentat ir-risposta ġuramentata tagħha (a' fol 12). Il-kawża għalhekk issoktat timxi bil-proċediment ordinarju ai termini tal-artikolu 170 tal-istess Kap. 12.

**Konsiderazzjonijiet**

**5.** Fir-risposta ġuramentata s-Soċjetá Konvenuta kkontestat fil-fatt din l-azzjoni fuq dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet kif verbalizzati. Il-qalba tal-kontestazzjoni tas-Soċjetá konvenuta għal din l-azzjoni għalhekk ma hiex li l-ammont pretiż mis-Soċjetá Attriċi ma huwiex dovut. Di fatti ma hemm xejn fl-atti, b'mod partikolari fid-depożizzjoni tal-P.L. Noel Bianco (a' fol 17) u s-Sur Angelic Mifsud (a' fol 25) li b'xi mod juri li s-Soċjetá konvenuta qed tiċħad li l-ammont pretiż mis-Soċjetá Attriċi huwa dovut. Anzi fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-Soċjetá konvenuta hemm espressament dikjarat li "is-soċjetá konvenuta rrikonoxxiet li l-ammont kien dovut" (ara fol 94).

**6.** Is-Soċjetá konvenuta qed tikkontesta din l-azzjoni unikament għaliex hija ntempestiva minħabba li "f'dan l-istadju €15,000 huma dovuti, liema ammont is-Soċjetá konvenuta kienet dejjem lesta tħallas però ġew rifjutati" (ara l-ewwel eċċezzjoni a' fol 12).

**7.** B'dan il-mod is-Soċjetá Konvenuta qed tibbaża din l-eċċezzjoni dilatorja fuq l-eċċezzjoni b'konsegwenza tal-fatt li kien hemm tan-novazzjoni. Hija qegħda tinsisti li f'meta ġiet istitwita l-kawża kienu dovuti biss €15,000 minħabba li seħħet novazzjoni "meta s-soċjetá assenti attriċi kienet waslet fi ftehim mas-soċjetá konvenuta illi l-ammont pretiż jitħallas permezz ta' pagamenti mensili ta' €5,000" (ara t-tieni eċċezzjoni a' fol 12). F'għajnejn is-Soċjetá Konvenuta, dan il-ftehim biex l-ammont pretiż jitħallas f'rati mensili ta' €5,000 ħoloq novazzjoni fis-sens tal-artikolu 1179(a) li wassal sabiex "l-obbligazzjoni ta' ħlas fil-pront ġiet sostitwita bl-obbligazzjoni ta' ħlas f'rati mensili – obbligazzjoni gdida." (ara nota a' fol 95). Skont is-Soċjetá konvenuta, la darba hemm dan il-ftehim li jitħallsu rati mensili ta' €5,000, l-obbligazzjoni mertu tal-kawża odjerna inbidlet f'waħda li ma hijiex eżegwibbli f'daqqa u immedjatament, ergo l-eċċezzjoni tal-intempestivitá.

**8.** Din il-Qorti tibda billi mill-ewwel teskludi li seħħet novazzjoni bi ftehim bħal dan, jekk kemm il-darba sar. Dan qiegħed jingħad għaliex is-Soċjetá konvenuta ma seħħilhiex turi li ġew sodisfatti r-rekwiżiti meħtiega fl-artikoli 1180(2) u 1181(1) tal-Kodiċi Ċivili. Skont dawn l-artikoli,

novazzjoni "mhiex preżunta; l-intenzjoni li ssir għandha tidher biċ-ċar" u inoltre "ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tiġix maqtula għalkemm tiġi mbiddla".

**9.** Ma hemm assolutament xejn fl-atti li juri li t-talba Attriċi hija b'xi mod milquta minn ftehim 'ġdid' bejn il-partijiet li kien minnhom intiż biex 'joqtol' l-effetti tal-obbligazzjoni mertu tal-kawża odjerna. Fil-fatt il-ġuristi jinsistu li ***"Novation is the transfer and transmission of a former debt into another civil or natural obligation; that is to say, when from the preceding liability a new one is created in such a way that the former is destroyed; for novation derives its name from the term "new," and from a fresh obligation."*** **(Ulpianus, On Sabinus, Book XLVI) .**

**10.** Dan it-tagħlim ġie sewwa sew segwit mill-**Qorti Ċivili Prim' Awla (per Imħallef Joseph Zammit McKeon) fil-kawża Maria Rita Calleja vs Godwin Borg et tat-30 ta' Settembru 2010**, "*In-novazzjoni huwa mod ta` estinzjoni ta`obbligazzjoni. Huwa inkorporat fl-**Art.1179 et seq tal-Kap.16**. Għall-fini tal-każ tal-lum, id-disposizzjoni rilevanti prinċipali hija l-**Art.1179(a)** li jgħid li hemm novazzjoni "meta d-debitur jagħmel mal-kreditur tiegħu dejn ġdid, u dan jiġi mqiegħed flok il-qadim, illi jispiċċa".*

*Għalhekk innovazzjoni huwa ftehim li għandu l-effett li jestingwi obbligazzjoni u jikkostitwixxi obbligazzjoni oħra. Il-bidla fl-oġġett tal-kuntratt jintegra n-novazzjoni meta din tagħti lok għal obbligazzjoni ġdida li tkun nkompatibbli ma' l-obbligazzjoni oriġinali. L-indaġni li trid issir hija*

*jekk il-partijiet riedux sempliċement bidla tar-rapport ġuridiku fis-sens pero` li dak ir-rapport ġuridiku jibqa` immutat fl-identita`tiegħu, inkella riedux joħolqu rapport ġuridiku ġdid.*

*Dan għaliex kif jingħad fl-***Art.1181(1)** *"ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tiġix maqtula għalkemm tiġi mbiddla". Kwindi "biex ikun hemm novazzjoni hemm bżonn li jkun hemm l-inkompatibilita` ta` l-esistenza taż-żewġ obbligazzjonijiet, u f'każ ta' dubju, innovazzjoni għandha tiġi eskluża" (***Kollez. Vol.XXXIV.II.657 ; Vol. XLVIII.II.794 u Vol.L.I.412***).*

*Fis-sentenza tagħha tal-***25 ta` Mejju 1956 fil-kawża "Koludrovich vs Muscat",** *il-Qorti tal-Appelli rrilevat – "Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tiġix maqtula, imma sempliċement modifikata għaliex billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim ma tavverax ruħha novazzjoni bejn il-partijiet jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni ġdida in sostituzzjoni għall-antika, li tiġi mill-partijiet imħassra. Mhux kull modifika għalhekk iġġib l-estinzjoni tal-obbligazzjoni billi l-partijiet jistgħu jżidu jew inaqqsu xi ħaġa mingħajr ma tiġi annullata l-obbligazzjoni, bir-riżultat li tkun ġiet biss modifikata."*

*Sabiex jista` jingħad li hemm l-animus novandi intiż bħala l-volonta` esternata mill-partijiet fl-ewwel lok irid ikun komuni għaż-żewġ kontraenti, fit-tieni lok trid tirriżulta r-rieda tagħhom it-tnejn li l-obbligazzjoni ta` qabel tiġi estinta, u fit-tielet lok l-animus irid jirriżulta b'mod inekwivoku u ppruvat*

*minn fatti konkludenti. Kien deċiż illi "quantunque la novazione possa risultare senza che si usi noformole o parole speciali, pure non puo` mai essere presunta, ed e` di legge espressa e venne costantemente ritenuto in dottrina ed in giurisprudenza dovere la stessa chiarament risultare" (**Kollez. Vol. XXVII.I.935**).*

*In-novazzjoni huwa istitut li kien jeżisti anke fid-Dritt Ruman. Issa fid-Dritt Ruman, l-animus ried ikun espressa biex isseħħ novazzjoni (ara : Lee – "The Elements of Roman Law" – Fourth Edition – Pag.418). It-tendenza fid-dritt modern daret lejn il-ħtieġa li l-intenzjoni tkun **ċara** aktar milli espressa.*

*Fl-**Art.1180(2)** jingħad li n-novazzjoni "mhix preżunta; l-intenzjoni li ssir għandha tidher biċ-ċar". Fis-sentenza tagħha tas-**27 ta' Ġunju 1952 fil-kawża "Frendo Randon vs Gera"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk – "U jekk stess parti waħda kellha dak l-animu (b`riferenza għall-animus novandi) jeħtieġ dejjem li jkun hemm l-akkordju mal-parti l-oħra biex issir in-novazzjoni." Fis-sentenza "**Koludrovich vs Muscat**" (op. cit.) kien rilevat ukoll illi : "In-novazzjoni trid tiġi pruvata minn min jallegaha, u f'każ ta' dubju għandha tiġi eskluża." Fis-sentenza "**Catania vs Degiorgio" deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta` Frar 1958** jingħad hekk– "Huwa veru li mhux meħtieġ li l-'animus novandi' tkun espressa, u li tista` tkun anke taċita, pero` irid ikun hemm kontradizzjoni assoluta bejn il-fatt tal-partijiet u l-volonta`tagħhom li jżommu ferma l-obbligazzjoni oriġinarja. Jekk imbagħad il-kunsens tad-debitur mhuwiex bil-fors meħtieġ, huwa*

*dejjem indispensabbli l-kunsens tal-kreditur u tal-espromittent ... U fil-każ li l-elementi kollha ma jirriżultawx b'mod ċar u inekwivoku, in-novazzjoni m'għandhiex tiġi preżunta."*

*Fis-***Sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-25 ta` Marzu 1993 fil-kawża** *"***Busuttil noe vs Mallia",** *hemm preċiżat li għalkemm in-novazzjoni qatt ma tista' tkun preżunta, anzi għall-kuntrarju għandha tirriżulta biċ-ċar fl-istess waqt biex dan isir ma hemmx bżonn li jintużaw kliem jew formoli speċjali.*

*U n-novazzjoni ma tistax tiġi preżunta għaliex bażikament tikkostitwixxi rinunzja tad-drittijiet tal-kreditur għall-obbligazzjoni oħra.*

*Il-***Giorgi** *(***"Delle Obbligazioni", Vol.VIII Para.242***) jikkummenta li tkun taċita l-intenzjoni biex isseħħ novazzjoni "quando risulta dalla incompatibilita` tra il 'quod actum est' e la esclusione della volonta` di novare. Della quale incompatabilita' sono queste le caratteristiche:*

*1. Che il debitore sia stato svincolato assolutament dalla obbligazione primitiva;*

*2. Che la seconda obbligazione contenga un mutamento tanto sostanziale in confronto della prima, da non permettere di considerarla come semplice modificazione della obbligazione precedente. La novazione cumulativa, quale appunto risulterebbe dall'unione di due obbligazioni, non e` vera novazione … ... La nuova obbligazione nulla*

*conserva, per regola, della natura e degli effetti che aveva l'antica, ma prende la natura e gli effetti proprii della sua indole giuridica." (ara ukoll: **"Bongailas vs Deguara" – Qorti tal-Appell – 22 ta' Novembru 1989; u "Mizzi vs Ennis" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ġunju 1984**).*"

**11.** Propju fil-kuntest ta' dak li qiegħed jingħad mis-Soċjeta' konvenuta fit-tieni eċċezzjoni tagħha, huwa interessanti dak li josserva l-awtur taljan Francesco Ricci: *"Il concedere, ad esempio, una dilazione di pagamento, non e' atto che per se stesso, importo novazione."* (**Francesco Ricci; Diritto Civile; Vol VI, pg. 378, Edz:186, Torino).**

**12.** Irid ukoll jingħad li jekk xi darba kien hemm xi possibilita' li jsir ftehim dwar kif kellu jsir il-ħlas dan falla. Dan jemerġi minn ittra tat-8 ta' April 2009 mibgħuta mill-Avukat Kenneth Grima lis-Soċjeta' Attriċi (ara dok a' fol 66). Irid jingħad ukoll li għalkemm jingħad mis-Soċjeta' konvenuta li għamlet xi ħlasijiet fost hemm żewġ asseni bankarji li t-tnejn li huma ma ġewx onorati (ara dokumenti a' fol 55 u 56 ). Mill-kondotta tas-Soċjeta' Konvenuta din il-Qorti ma setgħetx ma tasalx għall-konklużjoni li kienet qed tipprevarika biex ittwwwal jew tiskarta l-ħlas.

**13.** Issa, artiklu 1179 tal-kodiċi Ċivili jistabilixxi li:

*Hemm novazzjoni -*

*(a) meta d-debitur jagħmel mal-kreditur tiegħu dejn ġdid, u dan jiġi mqiegħed flok il-qadim, illi jispiċċa;*

*(b) meta debitur ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, illi jiġi meħlus mill-kreditur;*

*(ċ) meta, bis-saħħa ta' obbligazzjoni ġdida, kreditur ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, li lejh id-debitur jiġi meħlus.*

**14.** Kif diġa' kellha opportunita' taċċenna aktar 'l fuq, din il-Qorti tal-provi prodotti u anke fuq skorta tat-tagħlim fuq imssemmi, ma jistax jingħad li irrisulta xi waħda mit-tlett negozji ġuridiċi elenkati biex ikun jista' jingħad li hemm novazzjoni fis-sens tal-artiklu tal-liġi imsemmi. Din il-Qorti għalhekk sejra tiċħad it-tieni eċċezzjoni tan-novazzjoni.

**15.** Konsegwentement din twassal inevitabilment għaċ-ċaħda ukoll tal-ewwel eċċezzjoni tal-intempestivitá, eċċezzjoni li wara kollox, anke jekk għall-grazzja tal-argument tassew kien hemm novazzjoni, l-azzjoni kienet xorta tkun sanabbli b'applikazzjoni tal-prinċipju tal-*Jus Superveniens* (Ara **P.A. 7.10.1964 fil-kawża fl-ismijiet *Muscat vs Valenzia noe* (Kollez. Vol:XLVIII.ii.1177**). Dan qed jingħad inkwantu l-pagamenti kieku stess immaturaw fil-mori ta' din il-Kawża.

**16.** Kwantu jirrigwarda l-imgħax fuq il-kapital, din il-Qorti ħadet kont tad-dewmien sabiex ingħatat Sentenza finali. B'sens ta' ġustizzja u proporzjonalita' din il-Qorti tħoss li għalkemm huwa minnu l-mertu jittratta obbligazzjoni kummerċjali, fid-dawl tad-dewmien imsemmi, li għalih ma taħti ebda waħda mill-partijiet, ser tkun qed tistabilixxi bħala data li

minnha għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet fuq is-somma kannonizzata b'din is-Sentenza, l-1 ta' Jannar 2015.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li s-Soċjetá Konvenuta hija debitriċi tal-Attur nomine fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf mija u tletin Ewro (€55,130).

**Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lis-Soċjetá Konvenuta tħallas lill-Attur nomine s-somma ta' ħamsa u ħamsin elf mija u wieħed u tletin Ewro (€55,130) bl-imgħax legali dekorribli b'effett mill-1 ta' Jannar 2015 sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-Soċjeta' Konvenuta.

**L-ispejjeż** tal-Kawża jitħallsu mis-Soċjetá Konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**